PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9641 — SNAM/FSI/OLT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 20/06)

1. Fis-7 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SNAM S.p.A. (L-ITALJA),

— First State Investments International Ltd (IR-RENJU UNIT),

— OLT Offshore LNG Toscana S.p.A. (L-ITALJA).

SNAM u FSI jakkwistaw il-kontroll bi sħab, fis-sens tal-Artikolu 3(1) u 3(4) tal-EUMR, ta' OLT.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SNAM: l-iżvilupp u l-ġestjoni integrata ta' infrastrutturi tal-gass u, b'mod partikolari, it-trażmissjoni, ir-rigassifikazzjoni u l-ħażna tal-gass naturali fl-Italja kif ukoll f'pajjiżi oħra Ewropej;

— FSI: diviżjoni ta' ġestjoni tal-assi ta' Mitsubishi UFJ Trust and Banking Corporation, li hija waħda mill-akbar ġestjoni tal-assi fil-Ġappun u li hija sussidjarja proprjetà kollha kemm hi ta' Mitsubishi UFJ Financial Group Inc.;

— OLT: il-ġestjoni ta' ħażna fuq l-ilma u ta' unità tar-rigassifikazzjoni għal gass naturali likwifikat fl-Italja, il-provvista ta' kapaċità ta' rigassifikazzjoni lill-parteċipanti tas-suq kollha interessati f'kundizzjonijiet trasparenti u mingħajr diskriminazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9641 – SNAM / FSI / OLT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

[1] ĠU L 24, 29 ta' Jannar 2004, p. 1 (ara r-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË